MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Numru. 708/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joseph Sultana**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Sultana, bin Joseph u Frances neé Gatt, imwieled fl-24 ta’ Ottubru 1947 u residenti fil-fond Flat 6, Sunshine Flats, Triq ta’ Wara s-Sur, Rabat, Ghawdex u/jew Anglu Kustodju, Triq ta’ Vestru, Xaghra, Ghawdex u detentur

tal-karta tal-identita' numru 86547(G) li gie akkuzat talli nhar it-2 ta' Settembru 2010 ghal habta ta' 17:45hrs fix-Xaghra, Ghawdex;

1. kiser il-paci u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew storbju;

2. bi kliem u/jew b'modi ohra hedded u/jew insulenta u/jew ingurja lil Victor Muscat;

3. hebb minghajr ma darab ghall-persuna ta' Victor Muscat u uliedu minuri;

4. ikkaguna biza' fil-persuni ta' Victor Muscat u uliedu minuri;

5. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 534 b'manjiera perikoluza;

6. b'nuqqas ta' hila u hsieb saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBC 534 bi traskuragni u bla kont u kkaguna biza' fil-persuni ta' Victor Muscat u uliedu minuri;

7. waddab gebel minghajr ma darab fid-direzzjoni ta' Victor Muscat u uliedu;

8. bil-hsieb li jtellef il-gieh ta' Victor Muscat weggghu bi kliem, gesti jew mod iehor;

9. gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Victor Muscat u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Victor Muscat;

10. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jikkaguna hsara izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Victor Muscat fl-uzu ta' hwejgu jew indahallu fi hwejgu;

11. qal kliem oxxen jew dagha fil-pubbliku fil-prezenza ta' persuni minuri;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

Fuq kunflitt ta' provi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mill-hames (5), mis-sitt (6), mis-seba' (7), mit-tmien (8), mid-disa' (9) u mill-hdax (11) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;

Ghar-rigward tal-ghaxar (10) imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------